KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11** **L- Erbgħa 26 ta' Frar 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:14pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Chantelle Portelli- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**MISTIEDNA:**
Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv rċieva notifiki mingħand il- Kunsillieri Portelli u Bonnici fejn informaw illi ma jistgħux jattendu għal-laqgħa.

Kien hemm qbil nem. con. li ssir sospensjoni tal- laqgħa sabiex l- Accountant tal- Kunsill Daniel Galea jiddiskuti l- item numru 11.5.3 fuq l- Aġenda minn 11.5 Rapporti.

11.5.3 Annual reports and Financial Statements 2024

L- Accountant Daniel Galea ppreżenta il- Financial Statements tas- sena 2024. Kien innotat illi kien hemm dħul sostanzjali mingħand il-Gvern Ċentrali kif ukoll dħul mill- permessi u l-preċentwal miċ- ċitazzjonijiet tal- LESA, fost oħrajn. Kien innotat li kien hemm żieda fil- ħruġ primarjament fl- *operations and maintenance*, *repairs and upkeep* u fil- pagi peress li kien żied impjieg matul is- sena 2024.

L- Accountant qal illi d- dejn *short-term* tal- Kunsill sal- aħħar ta' 2024 huwa ta' €780,000; kif ukoll hemm dejn fuq terminu *long-term* bl-ammont ta' €378,000 mar- Reġjun u ma' kuntrattur fuq xogħolijiet tal- Pjazza l' antika. Dan huwa kawża tax- xogħolijiet li saru mill- Kunsill, kif ukoll kien hemm proġetti fi Ġnien 15 t' Ottubru kif ukoll l- *Outdoor Gym* li swew iktar minn dak allokat għal dawk il- proġetti, għaldaqstant il- Kunsill kellu joħroġ dawn il- flus hu. Issemma li hemm flus sostanzjali li għandhom jinġabru mid- DPF (Planning Authority) kif ukoll mill- DGL fejn hemm xi flejjes iżgħar x' jinġabru. Għaldaqstant kien hemm qbil li ssir laqgħa mal- PA sabiex jkun magħruf sew l-istatus kurrenti tad- DPF tal- Kunsill. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jitlob għal- laqgħa b' dan il- għan.

Svolġiet diskussjoni illi bl-allokazzjoni li qiegħed tingħata lil- Kunsill Lokali m'hijiex qiegħeda tlaħħaq mal- bżonnijiet tal- Kunsill anqas fuq xogħolijiet ta' natura rekorrenti, inqas u inqas fuq proġetti kapitali.

Dawn il- Financial Statements u Annual Reports kienu approvati nem. con.

**11.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 10**

**11.2.1 Korrezzjonijiet Minuti Numru 10**

Il- Minuti tal-laqgħa numru 10 kienu approvati mill- Kunsillieri preżenti nem. con. mingħajr korrezzjonijiet.

**11.2.2 Aġġornamenti Minuti Numru 10**

5.4.1 Rights Project

Il-Kunsillier Zerafa tkellem mal- *mentors* tar- Rights Project fejn iddiskutu attivita tal- World Cleanup Day sabiex ikun hemm koordinazzjoni f' din l- attivita. Il- Kunsillieri qablu li jipproċedi b' dan il- pjan.

8.3.2 Talba għar- restawr tal- Mitħna ta' Ċikku Fenech

Is- Sindku semma li fil- laqgħa tal- Kunsill li jmiss ser ikun hawn ir- rappreżentanti tar- Ramblers Association sabiex jippreżentaw l- idejat tagħhom fil- kuntest tar- restawr tal- Mitħna .

8.3.5 Espressjoni t'interess tal- Karnival 2025 - SPI/SCI/8/2024

Is- Sindku semma li l- preparazzjonijiet għall- Karnival 2025 għaddejjin sew u rringrazzja lil-Kunsilliera Bayliss li qiegħda torganiżża l-attivita u l-Kunsill qiegħed jistenna attivita b' attendenza tajba.

9.3.1 Każ tal- Ombudsman – Vjal il- Qalbiena Mostin

Is- Sindku semma li saret laqgħa mal- IM flimkien mal- Kunsillier De Martino u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn il- Kunsill ippreżenta il- pjan li ġie mitlub jimplimenta l- Kunsill pero kien wisq ta' spiża għall- Kunsill. Għaldaqstant, dan il- pjan ser isir bi sħiħ mill- IM bl- ebda spiża lill- Kunsill u l-implimentazjoni ser tibda malli jitlestew ix-xogħolijiet kurrenti fi Vjal Ragusa. Il-Kunsill irringrazzja lil- IM li ser jagħmlu dawn ix- xogħolijiet bżonnjużi għal- *benessere* tar- residenti.

10.4.1 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsillieri – Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku semma li saret laqgħa fis- 26 ta' Frar 2024 mad- DGL li tkompli ma dik li saret f' Diċembru saret laqgħa mad- DGL fejn flimkien mas- Sindku u mal- Aġent Segretarju Eżekuttiv, argumentaw sabiex tinstab soluzzjoni biex jiġi indirizzat l- ammont sostenzjali ta' dejn li għandu l- Kunsill. Il-Viċi Sindku u s- Sindku rringrazzja lid- Diretturi tad- DGL li laqgħuna tajjeb ħafna u fehemhu s- sitwazzjoni li jinstab fiha l- Kunsill. Madankollu, id- Dipartiment m'huwiex f' posizzjoni li jagħti indikazzjoni ċara ta' x' jista jew ser isir; pero għad irid ikun hemm diskussjonijiet oħra wara li jiġu sottomessi l- accounts tas- sena 2024.

10.4.7 *Mosta Open Weekend*- Sindku

Il-Viċi Sindku semma illi l-organizazzjoni ta' din l-attivita miexja tajjeb u ser ikun hemm parteċipazzjoni kbira mingħand l- għaqdiet.

10.5.1 Measure 4.4 Update

Is- Sindku semma illi ser issir laqgħa mad- Dipartiment tal- Fondi tal- EU sabiex ikun diskuss jekk dan il- proġett jistax jseħħ fiż- żmien stipolat sabiex ma jintilfux fondi.

10.5.4 Triq il-Mitħna Update

Is- Sindku semma li l- Kuntrattur ELBROS lesta s- survey fil- proġett ta' Triq il- Mitħna fejn kien ingaġġat mill- Public Works sabiex jagħmel dawn ix- xogħolijiet.

**11.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

11.3.1 Skema SPI/SCI/02/2025 – Attivitajiet Kulturali Annwai 2025- 2026

Is- Sindku ippreżenta l- iskema SPI/SCI/2/2025 mid- DGL; fejn stqarr illi ser isiru diskussjonijiet fis- sottokumitati u bejn il- Kunsillieri jekk u kif il- Kunsill jista jibbenefika minn din l- s

11.3.2 Skema SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet aktar nodfa 2025

Is- Sindku ippreżenta l- iskema SPI/SCI/03/2025 mid- DGL; fejn stqarr illi ser isiru diskussjonijiet fis- sottokumitati u bejn il- Kunsillieri jekk u kif il- Kunsill jista jibbenefika minn din l- iskema.

11.3.3 Skema SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess - Milied 2025

Is- Sindku ippreżenta l- iskema SPI/SCI/04/2025 mid- DGL; fejn stqarr illi ser isiru diskussjonijiet fis- sottokumitati u bejn il- Kunsillieri jekk u kif il- Kunsill jista jibbenefika minn din l- iskema.

11.3.4 Update on PA 5120/24

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill- Kunsillieri illi l- Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand il- Planning Authority fejn il- Kunsill kien informat illi s- sottomissjoni ta' rappreżentazzjoni għal- PA 5120/24 daħlet qabel żmienha. Għaldaqstant, l- Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jagħmel din is- sottmissjoni ladarba jinftetaħ il- perjodu tal- appell. Il- Kunsillieri staqsew jistgħux ikollhom kopja ta' din l- ittra; l- Aġent Segretarju Eżekuttiv bgħat din l- ittra lill- Kunsillieri minnufiħ.

11.3.5 Ficus Trees

Is- Sindku stqarr li saret laqgħa mal- ERA, Birdlife Malta u Moviment Graffiti u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn kien diskuss l- irkuprar tas- siġar tal- ficus tal- Pjazza. Kien hemm qbil mill- partijiet kollha kkonċernati illi hemm bżonn ftit żbir fis- siġar sabiex jiffokaw is- saħħa tagħħom iktar fejn hemm bżonn. Kien hemm qbil nem. con. mill- Kunsillieri illi dan iż- żbir isir hekk kif titlob ir- rekomandazzjoni tal- ERA u arboristi.

11.3.6 Eucalyptus trees ħdejn il- Boċċi club

Is- Sindku stqarr illi hemm tlett siġar tal- Ewkaliptus li huma mejtin u dan hemm rapport tal- ERA bid- dokumentazzjoni kollha. Probabilment, dawn is- siġar ser jitneħħew mill- ERA, pero għad irid ikun hemm iktar korrispondenza mal- ERA. Iż- zewġ siġriet ħajjin, ser ikollhom żabra bħal dawk tal- Pjazza. Il- Kunsillier Grech talab sabiex dan ir- rapport ikun ċċirkulat mal- Kunsillieri.

11.3.7 Skema SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026

Is- Sindku ippreżenta l- iskema SPI/SCI/05/2025 mid- DGL; fejn stqarr illi ser isiru diskussjonijiet fis- sottokumitati u bejn il- Kunsillieri jekk u kif il- Kunsill jista jibbenefika minn din l- iskema.

11.3.8 Skema SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa

Is- Sindku ippreżenta l- iskema SPI/SCI/06/2025 mid- DGL; fejn stqarr illi ser isiru diskussjonijiet fis- sottokumitati u bejn il- Kunsillieri jekk u kif il- Kunsill jista jibbenefika minn din l- iskema.

11.3.9 Skema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalita

Is- Sindku ippreżenta l- iskema SPI/SCI/07/2025 mid- DGL; fejn stqarr illi ser isiru diskussjonijiet fis- sottokumitati u bejn il- Kunsillieri jekk u kif il- Kunsill jista jibbenefika minn din l- iskema.

11.3.10 Mixgħela Ħamis 17 t' April 2025 - Kazin Nicolo Isouard

Il- Kazin Nicolo Isouard għamel talba formali sabiex jitlob permess biex jgħalaq Triq il- Kbira sabiex jorganizzaw attivita għal- Mixgħela fis-17 t' April. Il-Kunsill qabel illi m' huwiex siewi li tingħalaq din it-Triq għal din l-attivita. Is- Sindku ser jiltaqa mal-President tal-Kazin Nicolo Isouard sabiex jinstab post alternattiv biex issir din l- attivita.

**11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

11.4.4 Kunsillier Zerafa – Tabelli tal- Lokalita

Il- Kunsillier Zerafa stqarr illi r- Reġjun jixtiequ jagħmlu tabelli tal- Lokalita b' forma ta' Identita lir- Reġjun. Il-Viċi Sindku stqarr illi dawn kienu jisiru mingħand l-HSBC. Ser ikun hemm diskussjonijiet mar- Reġjun sabiex dawn isiru mill- ġdid.

11.4.5 Kunsillier Zerafa – Ġbir ta' skart filgħaxija u collection points

Il- Kunsillier Zerafa stqarr illi kien diskuss fir- Reġjun jekk għandux isir ġbir ta' skart filgħaxija, ukoll jekk għandux ikun hemm collection points fejn jinġabar dan l- iskart. Ir- Reġjun qiegħed jara jekk din hijiex possibli li tiġi implimentata.

11.4.6 Kunsilliera Bayliss – parking issues

Il- Kunsilliera Bayliss semmiet illi hemm problema bil- parking tal- muturi tal- kiri sofor. Għaldaqstant, tixtieq illi tintbagħat ittra formali lill- Gvern Ċentrali sabiex tinbidel il- liġi fejn dawn jistgħu jipparkjaw mingħajr zgombru.

11.4.7 Kunsilliera Bayliss – Dog bins

Il- Kunsilliera Bayliss talbet aġġornament fuq id- Dog Bins. Is- Sindku qal illi ser jgħati update fil- jiem li ġejjin.

11.4.8 Kunsillier De Martino – Bye Law

Il- Kunsillier De Martino ppreżenta l- Bye Law bil- prezzijiet għal- użu tal- faċilitajiet tal- Kunsill li ġew diskussi fil- Kumitat ta' Kommerċjalizazzjoni. Dan kien disseminat lil- Kunsillieri biex jiġi diskuss iktar il- quddiem.

11.4.9 Kunsillier Grech – Tenders

Il- Kunsillier Grech staqsa x' inhuma t- tenders li qiegħed jinħadmu biex jinħarġu. Is- Sindku u l- Kunsillier De Martino qalu li bħalissa ser joħorġu tal- patching illi huwa fi draft stage u għad irid ikun analizzat qabel ma jittella għas- sottomessjonijiet. Il- Kunsillier Grech ikkjarifika. Il- Works orders illi jinħarġu mill- Kunsill għal- bankini ġodda, patching u manholes jimxu mal- prezzijiet stabbiliti bir- rati ta' qabel.

11.4.10 Minority Leader Decelis – Laqgħat update

Il- Minority Leader stqarr illi l- laqgħa fuq saħħa mentali mal- Professur Xuereb kienet suċċess, u fil- jiem li ġejjin ser ikun laqgħa mal- publiku u persuni b' diżabilta mas- Sur Oliver Scicluna; il- Minority leader qiegħed jistenna illi din l- laqgħa jkollha attendenza tajba. Il- Minority Leader stqarr ukoll illi jixtieq ikun jaf min qiegħed jagħlef il- ħamiem.

11.4.11 Kunsillier Zerafa – talb Mosta biex ssir Belt

Svolġiet diskussjoni sabiex ikun diskuss jekk il- Mosta tistax tingħata t- titolu ta' Belt. Il- Kunsillier Grech stqarr illi dan kien diġa diskuss mal- Ministru, u l- Mosta ma kinitx tikkwalifika b' dawn il

kriterji. Għaldaqstant trid issir talba sabiex jinħolqu kriterji ġodda sabiex dan ikun possibli. Il-Kunsillieri qablu li ser jiddiskutu dan iktar fid- dettall, u l-Viċi Sindku qal li ser jghaddi xi korrispodenza preċedenti fuq dan is- suġġett mal- Kunsillieri.

**11.5 Rapporti**

11.5.4 *Performance Appraisal* tal-Ex Segr Eżekuttiv

Is- Sindku ppreżenta il- *Performance Appraisal* tal-Ex Segretarju Eżekuttiv fejn ppropona li jgħati 9% mill- 10% massimu, filwaqt illi l- 5% li jifdal li hija entitolata għalihom, jkunu deċiżi mid- DGL hekk kif inhi l- proċedura. Kien hemm qbil nem. con. mill- Kunsillieri preżenti.

11.5.5 Vakanza ta' Full Time/Part Time Assistent Prinċipal (Skala 11)

l- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi jaf huwa ż- żmien li l- Kunsill joħroġ sejħa għal- impjieg bl-intenzjoni li jkun hemm impjegat jaħdem fuq l-iskemi peress li hemm nuqqas f' dan il- qasam. Il-Viċi Sindku stqarr li diġa għandna ħafna ħaddiema u allura rridu nieħdu parir mingħand l-accountant tal- Kunsill fuq kif nistgħu nimlew dan in- nuqqas mingħajr spejjeż żejda.

11.5.6 Transport Malta Meeting – Pjazza tal- Mosta

Is- Sindku u l- Kunsillier De Martino kellhom laqgħa ma' Transport Malta fejn iddiskutew l- għeluq tal- Pjazza. Il- laqgħa żvolġiet li ser jibdew ikun hemm *shuttle buses* mill- MCAST sal- Pjazza, meta jkun hemm għeluq u ser ikun enfażi li jkun hemm attivitajiet matul dan l- għeluq. Is- Sindku qal li għad irid ikun hemm iktar diskussjonijiet b' dan il- għan.

11.5.7 BOV New Procedures – approved

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi l- BOV ser jwaqqfu n- *Night Safe* fil- fergħa tal- Mosta u allura ser jintroduċu *Deposit- Only Card* li l- Kunsill ikun jista juża sabiex jagħmel id- depożiti tiegħu. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv ħa parir mingħand id- DGL fejn staqsa jekk dan huwiex permessibbli li jsir, u rċieva notifika illi iva id- *Deposit-Only Card* tista tintuża għal dan il- għan. Kien hemm qbil nem. con. mill- Kunsillieri preżenti. Għaldaqstant, l- Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jipproċedi bl- applikazzjoni għal din id- *Deposit-Only Card*.

11.5.8 Update Vjal Kulħadd

Is- Sindku semma li attenda għal- laqgħa flimkien mal- Kunsillier De Martino u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn saru xi emendi zgħar tad- disinn oriġinali fi Pjazza Anġlu Gatt. Għaldaqstant, IM inkawigaw lill- Perit sabiex jagħmel dawn l- emendi bi spejjeż għal- IM.

**11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

11.6.1 Skeda tal-Pagamenti

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 158 kienet approvata nem. con.

11.6.2 Purchase Orders

Il- lista ta' Purchase Prders ippreżentata kienet approvata nem. con.

11.6.3 Works Orders

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

11.6.4 Petty Cash

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata nem. con.

**11.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit- 8:43pm u ġiet aġġornata għal- Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fis-6:00pm.

**IFFIRMATI**
**Joseph Gatt**
**Sindku**

**IFFIRMATI**
**Jeremy Bartolo**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**